# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2369

Kaz Nru: 3098 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

Latha Shony

u

Paragon Ltd

Illum: 5 ta' Marzu, 2015

*Dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-Kaz gie ntavolat permezz ta' rikors fl-4 ta' Jannar, 2013, mill-Avv. Anthony P. Farrugia f'isem ir-rikorrenti Latha Shony.

Fir-rikors ir-rikorrenti iddikjarat li hi kienet ilha mpjegata bhala 'Research Officer' mas-socjeta' ntimata mill-1 ta' Jannar 2009. Illi hi dejjem kienet professjonali f'xoghlha u li anke zdidilha x-xoghol minghajr ma kienet kompensata b'zidiet fis-salarju. F'Jannar 2012, ir-rikorrenti kellha tarbija fejn ibbenifikat minn 'maternity leave' skond il-ligi u f'Gunju ta' l-istess sena harget fuq 'vacation leave' sabiex tmur btala fl-Indja, pajjizha, ma zewgha u t-tarbija. Illi minhabba dewmien fil-hrug tal-passaport tat-tarbija hija nfurmat lis-socjeta' ntimata li kienet se tirritorna Malta aktar tard milli kien previst. Meta gara dan is-socjeta;' ntimata, permezz ta' ittra datata 5 ta' Settembru 2012 infurmat lir-rikorrenti li kienet qed tigi tterminata minhabba abbandun ta' l-impjieg. Ir-rikorrenti tenniet li dan l-agir jikkonsisti fi tkeccija illegali u ngusta u ghaldaqstant

qed titlob lit-Tribunal jiddikjara tkeccija ngusta u llegali u tikkundanna lis-socjeta' ntimata biex thallas dak kollu dovut lejn ir-rikorrent u kumpens xieraq.

Is-Socjeta' ntimata, fir-risposta taghha ddikjarat li r-rikorrenti dahlet lura ghax-xoghol mil-maternity leave fit-23 ta' April 2012 fejn kellimha is-Sur Paul Busuttil, Direttur Manigerjali tas-socjeta' ntimata fejn ghaddielha xoghol gdid u qallha sa meta jridu lest u kellimha ukoll dwar xi traskuragni u kwalita ta' xoghol ipprezentat minnha. Jidher li ma kienx hemm progress fuq dan. Fit-30 ta' Mejju 2012 l-istess Direttur baghat 'memo' lil impjegati kollha biex qabel japplikaw ghal leave, inkluz safar, jassiguraw li dan ma jkunx f'nofs xi progett. Illi r-rikorrenti gharrfet lis-superjuri li kienet sejra btala u dan minghajr ma kisbet l-awtorizazzjoni biex tiehu l-leave. Dan ghamlitu meta gja kienet xtrat il-biljetti ta' l-ajru u meta kienet taf li mhiex se tlahhaq xogholha. Madankollu s-socjeta' kkoperat anke biex jintlahaq isir ix-xoghol. Kien sar pjan biex ix-xoghol isir fiz-zmien stipulat u anke allokaw parti mix-xoghol lil haddiehor. Minkejja dan, meta rikorrenti siefret, irrizulta li halliet hafna xoghol nieqes. Meta gara li rikorrenti ma gietx lura kif miftiehem is-socjeta' dahlet fi spejjez zejda biex isir it-tali xoghol fil-hin.

Illi fit-2 ta' Awissu 2012, ir-rikorrenti nfurmat lis-socjeta' b'email li minhabba problemi biex tikseb il-passaport tat-tarbija ma setghetx tirritorna fis-6 ta' Awissu 2012, kif kien maqbul minn qabel. Is-socjeta' baghtet email b'risposta fit-3 ta' Awissu 2012 biex issaqsi meta r-rikorrenti kienet se tirritorna lura biex tkun tista tqassam xogholha. Risposta mir-rikorrenti ma gietx u s-socjeta' regghet baghtet zewg emails fit-8 u fil-21 ta' Awissu 2012. Fit-22 ta' Awissu 2012 ir-rikorrenti baghtet risposta li hi probabbilment se tirritorna fis-16 jew fis-27 ta' Settembru 2012. Peress li s-socjeta' ntimata stenniet zmien twil u bizzejjed biex ir-rikorrenti tirritorna lura ghax-xoghol u ukoll li b'dan l-agir is-socjeta' dahlet f'danni tal-klijenti taghha, ikkonkludiet li r-rikorrenti, b'nuqqas ta' responsabilita' kbira, kienet abbandunat l-impjieg taghha u ghaldaqstant s-socjeta' iddikjarat l-impjieg tar-rikorrenti mitmum.

## <u>Fatti</u>

Ir-rikorrenti kienet ilha tahdem bhala 'research officer' mas-socjeta' ntimata mill-1 ta' Jannar 2009. Kienet fuq kuntratt abazi ta' *work permit* li johrog mill l-ETC u jiggedded kull sena. Fit-2011 inqabdet tqila u harget bil-*maternity leave* f'Dicembru 2011 u rritornat fit-23 ta' April 2012.

Fit-30 ta' Mejju 2012 ir-rikorrenti gharrfet lill-kumpanija li kienet xtrat il-biljetti biex tmur sitt gimghat l-Indja sabiex tghammed it-tifel.

Jidher li l-kumpanija kellha prassi li suppost wiehed javza qabel fuq 'long-leave' specjalment safar. Il-leave kellu jibda mit-28 ta' Gunju 2012. Illi s-socjeta' kienet harget email f'Awissu 2011 u 'reminder' fit-30 ta' Mejju 2012.

Il-leave tar-rikorrenti gie approvat b'mod verbali. Ma jidhirx li kien hemm policy ta' leave cara u bil-miktub.

Ir-rikorrenti siefret fit-28 ta' Gunju 2012, u kellha tidhol lura ghax-xoghol fis-6 ta' Awissu 2012. Fit-2 ta' Awissu 2012 ir-rikorrenti avzat lis-socjeta' ntimata li ma kienetx gejja lura ghax-xoghol fid-data ta' 6 ta' Awissu, 2012, ghax ma kellhiex il-passaport tat-tarbija lest.

Fit-3 ta' Awissu 2012, is-socjeta' baghtet email lir-rikorrenti fejn talbitha biex tindika d-data tar-ritorn. Is-socjeta' baghtet zewg 'reminders' fit-8 ta' Awissu, 2012, u fil-21 ta' Awissu, 2012. Is-socjeta' rceviet risposta fit-22 ta' Awissu, 2012, li probabbilment ir-rikorrenti kienet se tidhol lura ghax-xoghol fis-16 jew fis-27 ta' Settembru, 2012. Wara dan ma kienx hemm aktar korrispondenza ghajr l-ittra tat-terminazzjoni datata 5 ta' Settembru, 2012, bir-raguni ta' abbandun tal-post tax-xoghol.

**Provi**

F'dawn il-proceduri xehdu : Paul Busuttil – General Manager tas-socjeta' ntimata, r-rikorrenti, Nadia Theuma – Direttur tas-socjeta' u James Garrity – Maintenance u I.T. tas-socjeta'. Gew esebiti ukoll diversi document.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal, f'dan il-kaz, ghandu biex jikkunsidra l-fatti u l-provi taz-zewg partijiet vis-a-vis it-terminazzjoni mis-socjeta' ntimata fil-konfront tar-rikorrenti fuq abbandun tal-post tax-xoghol. It-Tribunal irid jizen sew ir-ragunijiet u l-provi tas-socjeta' u l-fatti u l-provi li wasslu lir-rikorrenti biex ma tirritornax ghax-xoghol fiz-zmien miftiehem u kemm kienu veritieri r-ragunijiet migjuba.

Kif spjega l-General Manager tas-socjeta' ntimata, il-ftehim kien li r-rikorrenti tidhol lura ghax-xoghol fis-6 ta' Awissu 2012. Ir-rikorrenti wara li ma wegbitx ghal zewg email ('reminders') indikat li kienet se tidhol lura fis-16 jew fis-27 ta' Settembru 2012. Aktar minn hames (5) gimghat wara l-ftehim u l-approvazzjoni tal-leave. L-Ahhar komunikazzjoni mir-rikorrenti kienet fit-22 ta' Awissu 2012 fejn qalet li qed tipprova tirranga biex issib 'flights' ghal Malta u li meta ssibhom kienet se tikkomunika mas-socjeta' ntimata u li probabbli kien se jirnexxielha tigi lura fis-16 jew fis-27 ta' Settembru 2012. Fil-5 ta' Settembru 2012, is-socjeta' tterminat l-impjieg.

Ir-rikorrenti xehdet li l-email ta' 2 ta' Awissu 2012 kitbet li ma setghetx tigi lura ghax-xoghol fil-6 ta' Awissu 2012 ghaliex il-passaport tat-tarbija ma kienx lest. (Dok PB1)

Fl-ahhar email tat-22 ta' Awissu 2012 (PB1) ir-rikkorrenti kitbet li kienet gimghatejn sick u r-ragel dahal l-isptar bid-deni u li ma setghetx ikollha access ghal l-emails. Kienet ukoll avzata biex ma tivvjaggax. Kompliet li issa kienu fuq 'il-waiting list' ghal 16 ta' Settembru 2012 jew ghas 27 ta' Settembru 2012, ghax fid-dati l-ohra 'l-flights'' kienu fully booked. It-Tribunal irid jaghrbel il-kontenut ta' dawn l-emails filwaqt li jrid jinnota ukoll id-detriment li s-socjeta' ntimata sofriet rigward xoghol bl-assenza mhux prevista tar-rikorrenti.

It-Tribunal irid jirrimarka kif l-ebda parti, fl-ebda hin u sitwazzjoni sat-terminazzjoni, ir-rikorrenti ma uzat it-telefon jew mowbajl biex tikkomunika dirett.

Fix-xhieda tieghu James Garrity qal li meta darba tkellem mar- rikorrenti fuq il-vjagg ghall-Indja din qaltlu li sejra ghal sitt (6) xhur u forsi ma tigix lura ghax zewggha kien se jiftah negozju tal-komputers. Dan kien f'Gunju 2012.

Mix-xhieda tar-rikorrenti l-passaport tat-tarbija wasal l-Indja fl-20 ta' Awissu, 2012, wara diversi proceduri li t-Tribunal innota f'diversi dokumenti provduti. Ir-rikorrenti kompliet li ezatt wara l-20 ta' Awissu 2012 u wara li hareg ir-ragel mill l-isptar, liema provi gew esebiti b'dokumenti, marru ghand 'ít-Travel Agent' bid-dokumenti relatati u bbukjaw ghas-16 ta' Settembru 2012, izda 'ticket' wiehed kien konfermat. Ibbukkjaw 'tickets' ohra ghas-27 ta' Settembru 2012. Applikaw ukoll ghal visa Maltija ghat-tarbija u l-High Commission ta' Malta fi New Delhi hadu tlett (3) gimghat biex sar dan. Fil-fatt dan sar fit-2 ta' Ottubru 2012. Ir-rikorrenti sostniet li ghamlet dak kollu possibli biex tigi lura Malta malajr kemm jista jkun u zzomm ix-xoghol li kellha.

Fit-tkomplija tax-xhieda taghha r-rikorrenti spjegat kif dejjem tat 'handover' fix-xoghol taghha u li xogholha komplietu sa l-ahhar qabel marret l-Indja. Ir-rikorrenti qalet ukoll li kemm ilha wieqfa mix-xoghol qatt ma rceviet beneficji socjali ghax it-terminazzjoni ma' l-ETC kienet fuq bazi dixxiplinarja. Fil-kontro-ezami, r-rikorrenti qalet li l-handover kienet taghmilhom online b'excel sheets. Ir-rikorrenti kompliet li kellha xi ntervisti ghal xoghol wara t-terminazzjoni imma l-punt li hi giet terminata minhabba dixxiplina ma kienux jaghzluha. Hareg ukoll li effettivament ir-rikorrenti rritornat Malta fis-7 ta' Ottubru 2012.

Fit-Trattazzjoni finali s-socjeta' ntimata sostniet li t-terminazzjoni saret hames (5) gimghat wara li r-rikorrenti kellha tirritorna ghax-xoghol. Kompliet billi qalet li r-rikorrenti ma kienetx konsistenti bir-ragunijiet li tat rigward id-dewmien taghha fil-komunikazzjoni mas-socjeta'. Illi s-socjeta' kellha kuntratti ma klijenti u n-nuqqas tar-rikorrenti fuq ix-xoghol kienu ta' detriment ghal dan. Is-socjeta' finalment sostniet li kienet ir-rikorrenti li abbandunat il-post tax-xoghol taghha.

Min-naha taghha ir-rikorrenti, fit-trattazzjoni finali taghha sostniet li l-kontenut ta' l-ittra ta' terminazzjoni datata 5 ta' Settembru 2012 hija l-qofol tal-kaz. L-ewwel paragrafu ta' l-ittra jakkuza lir-rikorrenti li hadet il-leave minghajr awtorizzazzjoni li kif hareg mix-xhieda tas-socjeta' stess dan il-leave gie ufficjalment approvat.

Illi r-referenza fl-ittra tad-dewmien tar-rikorrenti, dan id-dewmien gie kollu kjarifikat mill-fatti, provi, xhieda u dokumenti esebiti li kull ma gara kien kollu genwin.

Illi r-rikorrenti tat indikazzjoni tajba tar-ritorn taghha u fil-frattemp harget l-ittra ta' terminazzjoni ta' abbandun tax-xoghol. Illi r-rikorrenti kienet qed taghmel dak kollu possibli fic-cirkustanzi biex tigi lura Malta u tkompli f'xogholha. Abbandun tal-post tax-xoghol isir meta hemm intenzjoni cara li haddiem mhux diehel ghax xoghol aktar. Dan il-kaz huwa l-oppost fejn ir-rikorrenti ghamlet l-almu taghha kollu biex tirritorna. Illi s-socjeta' imissa wissiet lir-rikorrenti li jekk sat-tali data ma tidholx se jkun hemm konsegwenzi. Minn dan ma sar xejn. L-ittra ta' terminazzjoni ghalqet kull cans ta' komunikazzjoni inkluz ta' gustifikazzjoni u r-rikorrenti qatt ma kellha xi hsieb li tabbanduna l-post tax-xoghol.

**Decizjoni**

Dan permess, it-Tribunal jikkunsidra li:

It-Tribunal wara li ezamina l-fatti kollha, l-provi migjuba waqt ix-xhieda u dokumentazzjoni kollha esebita qed jiddeciedi li s-socjeta'  ntimata ghagglet fid-decizjoni ta' terminazzjoni gharraguni ta' abbandun tal-post tax-xoghol li hadet fil-5 ta' Settembru 2012. Mill-fatti, provi, u xhieda deher car li r-rikorrenti qatt ma kellha l-hsieb li ma tmurx aktar lura ghax xoghol u t-Tribunal jinnota li d-dewmien, ghalkemm setghu saru pjani ahjar ta' safar, kien genwin mill-l-aspett ta' sitwazzjonijiet li nqalghu. Il-komunikazzjoni wkoll setghet kienet ahjar mir-rikorrenti. Jibqa' l-fatt, izda, li s-socjeta' kienet arbitrarja fid-decizjoni. Kien ikun f'postu kieku s-socjeta' bdiet proceduri dixxiplinarji meta deherilha li r-rikorrenti ma zammitx mad-data ta' ritorn liema proceduri setghu anke wasslu ghal tkeccija gusta. It-Tribunal jerga' jtenni li qatt ma kien hemm xi indikazzjoni li r-rikorrenti ma riditx tkompli f'xogholha u ghaldaqstant id-decizjoni tat-terminazzjoni mis-socjeta' ntimata fuq abbandun tal-post tax-xoghol hija ngusta.

Il-kumpens qed jigi stabbilit fl-ammont ta' tmien t'élef euro (€8,000), liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta' ntimata lir-rikorrenti fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghal-finijiet ta' kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' tlieta u disghin euro u sbatax €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**